REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/990

tat-28 ta' April 2020

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ([1])("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), u b'mod partikolari l-Artikoli 192(2), 197(3), 201(3), 202(3), 205(2), 211(1), 213(1), 216(4), 218(3), 221(1), 222(3), 223(6), u 224(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard tal-annimali li hu trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inkluż regoli għall-kategorizzazzjoni ta' mard elenkat li hu ta' tħassib fil-livell tal-Unjoni. L-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li regoli speċifiċi għall-mard maħsuba għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard japplikaw għall-mard elenkat, kif imsemmi f'dak l-Artikolu u fl-Anness II tiegħu. Peress li l-mard elenkat jirrikjedi tipi differenti ta' miżuri ta' ġestjoni, l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard, li jqisu s-serjetà potenzjali tal-impatt ta' dawn id-diversi tipi ta' mard elenkat fuq is-saħħa pubblika u tal-annimali, fuq l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent.

(2) B'mod partikolari, l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/429 jirreferi għat-tipi differenti ta' mard elenkat fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1 tiegħu, filwaqt li jitqiesu r-riskji potenzjali ta' każijiet ta' dak il-mard elenkat. Barra minn hekk, l-Artikolu 9(1)(d) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a), (b), (c) tiegħu għandu jitqies ukoll bħala mard elenkat taħt l-Artikolu 9(1)(d), meta r-riskju li toħloq il-marda inkwistjoni jkun jista' jiġi mitigat b'mod effettiv u proporzjonat b'miżuri li jikkonċernaw movimenti ta' annimali u prodotti. Din id-distinzjoni bejn il-kategoriji differenti ta' mard elenkat jenħtieġ li titqies għall-iskop tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' movimenti fi ħdan l-Unjoni ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi, għajr annimali akkwatiċi ħajjin.

(3) Il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti IV tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxu regoli speċifiċi għall-mard li japplikaw għal mard fil-kategorija D u speċijiet elenkati għal dak il-mard, kif ukoll regoli għal mard emerġenti. Dawk id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu wkoll ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-annimali akkwatiċi, inkluż dawk maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi, sabiex jiġi evitat u kkontrollat it-tixrid ta' mard elenkat u emerġenti fl-Unjoni.

(4) Il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti IV tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħtu wkoll lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta regoli li jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament permezz ta' atti delegati. Huwa għalhekk xieraq li jiġu adottati tali regoli supplimentari sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-qafas leġislattiv il-ġdid għall-kontroll u l-prevenzjoni ta' mard tal-annimali, stabbilit minn dak ir-Regolament. Billi dawk ir-regoli supplimentari huma interkonnessi b'mod sostanzjali, fl-interess tas-sempliċità u tat-trasparenza, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom, jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti f'att uniku u mhux f'atti differenti b'ħafna kontroreferenzi bir-riskju ta' duplikazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([2]) jikkategorizza l-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 f'mard tal-kategorija A, B, C, D u E. Dan jistipula wkoll li r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jridu japplikaw għall-kategoriji tal-mard elenkat għall-ispeċijiet u għall-gruppi ta' speċijiet elenkati msemmija fit-tabella stabbilita f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Dik it-tabella telenka fost l-oħrajn l-ispeċijiet u l-gruppi ta' speċijiet ta' annimali akkwatiċi u l-ispeċijiet vetturi għall-mard li jaffettwa l-annimali akkwatiċi.

(6) Jenħtieġ li r-regoli u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti f'dan ir-Regolament jissupplimentaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward ta' movimenti fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi, inkluż dawk maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura, sabiex jiġi żgurat li dawk il-prodotti ma joħolqux riskju sinifikanti għat-tixrid tal-mard akkwatiku msemmi fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429, u sussegwentement definit mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 bħala mard tal-kategorija D li jinkludi skont ir-rilevanza, il-mard tal-kategorija A, tal-kategorija B u tal-kategorija C. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([3]) jistabbilixxi regoli dwar programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji u fakultattivi għal mard elenkat speċifiku. Fir-rigward ta' mard tal-kategorija B u tal-kategorija C, ċerti Stati Membri huma soġġetti għal programmi ta' eradikazzjoni sabiex jeliminaw dak il-mard elenkat jew juru li għandhom l-istatus ta' ħelsien mill-mard fir-rigward ta' dak il-mard elenkat. Filwaqt li jitqiesu dawn il-programmi, jixraq li jiġi previst li l-movimenti ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, ta' speċijiet elenkati għall-mard rilevanti tal-kategorija B jew tal-kategorija C, jitħallew isiru biss jekk dawn il-movimenti ma jipperikolawx is-suċċess ta' dawk il-programmi ta' eradikazzjoni, jew l-istatus ta' ħelsien mill-mard għal dak il-mard elenkat, fil-każ li dan ikun inkiseb.

(7) Barra minn hekk, fir-rigward ta' mard tal-kategorija C, l-operaturi ta' stabbilimenti li mhumiex soġġetti għal programm fakultattiv ta' eradikazzjoni, jistgħu jimplimentaw programm ta' sorveljanza volontarja għal marda speċifika tal-kategorija C f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689. Filwaqt li dawn l-istabbilimenti mhux ser jiġu ddikjarati ħielsa mill-mard, huma ser ikollhom il-vantaġġ li jirċievu biss movimenti ta' annimali tal-akkwakultura ta' speċi elenkati għall-marda rilevanti tal-kategorija C, li ma jipperikolawx is-suċċess tal-programm ta' sorveljanza.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli supplimentari rigward movimenti ta' annimali akkwatiċi u prodotti tagħhom li joriġinaw mill-annimali li huma meħtieġa biex jiżguraw is-suċċess ta' dawn il-programmi ta' eradikazzjoni u sorveljanza fl-Istati Membri, fiż-żoni jew fil-kompartimenti li fihom jiġu implimentati, kif ukoll fl-Istati Membri, fiż-żoni u fil-kompartimenti li jkunu kisbu l-istatus ta' ħelsien minn mard.

(9) L-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi miżuri ta' prevenzjoni tal-mard fir-rigward tat-trasport tal-annimali akkwatiċi u jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tistabbilixxi regoli supplimentari għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-mezzi tat-trasport tal-annimali akkwatiċi, it-tibdil tal-ilma, ir-rimi tal-ilma u l-miżuri ta' bijosigurtà sabiex jittaffew ir-riskji possibbli li jirriżultaw mit-trasport ta' dawk l-annimali akkwatiċi fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti aktar dettaljati għat-trasport ta' annimali akkwatiċi, inkluż it-trasport b'dgħajjes barrada.

(10) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-kunsinni ta' annimali akkwatiċi ta' speċijiet elenkati li jidħlu f'erja bi status ta' ħelsien mill-mard, jew f'erja li hija soġġetta għal programm ta' eradikazzjoni, irid ikollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, għajr f'ċerti ċirkostanzi limitati ħafna. Peress li ċerti kunsinni jinġarru kummerċjalment f'lottijiet imħallta li jistgħu jiġu akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa tal-annimali differenti, huwa kruċjali li jiġi żgurat li kull kunsinna tinħatt fil-punt maħsub tagħha ta' destinazzjoni. It-tikkettar ta' kunsinni b'tali mod li t-tikketta torbot b'mod ċar il-kunsinna tal-annimali akkwatiċi maċ-ċertifikat korrispondenti tas-saħħa tal-annimali huwa pass ta' mitigazzjoni tar-riskju neċessarju fl-interessi tat-traċċabbiltà, u biex ikun żgurat li kunsinni biss li jkunu ċċertifikati kif suppost biex jintbagħtu lejn erjas ħielsa minn mard, verament jispiċċaw f'dawk l-erjas. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli supplimentari għat-tikkettar ta' dawn il-kunsinni.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar is-sorveljanza, il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istatus ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

(11) L-Artikolu 197 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati rilevanti għal mard tal-kategorija B u tal-kategorija C jridu joriġinaw minn erjas bi status ta' ħelsien mill-mard jekk ikunu maħsuba għal Stati Membri, żoni jew kompartimenti li huma ħielsa minn dak il-mard elenkat, jew huma soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni għal tali mard elenkat. Madankollu, f'ċerti sitwazzjonijiet, ir-riskji għas-saħħa tal-annimali ma jiġġustifikawx restrizzjonijiet bħal dawn. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi deroga minn tali restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament (UE) 2016/429, filwaqt li jiżgura li jkunu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa għall-mitigazzjoni tar-riskju biex jiġi żgurat li dawn il-movimenti ta' annimali tal-akkwakultura ma jipperikolawx l-istatus tas-saħħa jew il-programmi ta' eradikazzjoni fis-seħħ.

(12) Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli supplimentari li jipprevedu derogi fir-rigward ta' annimali akkwatiċi ħajjin ta' speċijiet elenkati, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem meta jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard jew għal wieħed li huwa soġġett għal programm ta' eradikazzjoni u meta ma jkunux oriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard. F'dawn il-każijiet, dawk l-annimali akkwatiċi jistgħu jkunu jagħmlu parti mill-ispeċijiet li huma elenkati bħala speċijiet vetturi fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, iżda ma jkunux ġew f'kuntatt mal-ispeċijiet elenkati suxxettibbli għall-marda elenkata rilevanti indikata fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella u għalhekk ma jitqisux bħala vetturi. Possibbiltà oħra hija li dawk l-annimali akkwatiċi jistgħu jkunu destinati għall-qatla u l-ipproċessar fi stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku, wara li jkunu ingħataw permess mill-awtorità kompetenti li jitilqu minn erja soġġetta għal miżuri ta' kontroll tal-mard relatati ma marda elenkata jew marda emerġenti. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi li miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni tar-riskju b'rabta mal-imballaġġ u t-tikkettar f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jiġu applikati għall-molluski u l-krustaċji maħsuba għall-konsum mill-bniedem, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn l-annimali akkwatiċi jkunu jistgħu jiġu ttrasferiti f'erja bl-istatus ta' ħelsien mill-mard jew li tkun soġġetta għal programm ta' eradikazzjoni mingħajr ma jinħoloq riskju għat-tixrid ta' marda rilevanti elenkata jew emerġenti.

(13) Huwa wkoll meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli supplimentari rigward il-movimenti ta' annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati fi stabbilimenti tal-akkwakultura konfinati. L-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet vetturi elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, li ma jkunux ġew f'kuntatt mal-ispeċijiet suxxettibbli elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella, kif ukoll l-annimali tal-akkwakultura li jkunu tqiegħdu fi kwarantina fi stabbiliment approvat f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 ([5]) jew li jkunu tqiegħdu fi kwarantina fi stabbiliment konfinat ieħor, inkluż l-istabbiliment ta' destinazzjoni, jenħtieġ li jingħataw permess li jitqiegħdu fi stabbilimenti konfinati. Peress li stabbilimenti konfinati jistgħu jiskambjaw annimali tal-akkwakultura bejniethom b'inqas rekwiżiti ta' moviment minn tipi oħra ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, huwa importanti li r-regoli speċifiċi u d-derogi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament jiżguraw li movimenti bħal dawn li jinvolvu l-istabbilimenti konfinati ma joħolqux riskju għat-tixrid ta' mard elenkat jew emerġenti.

(14) L-annimali akkwatiċi selvaġġi huma riżorsa importanti li jenħtieġ li tiġi protetta. F'dak il-kuntest, l-Artikolu 199 tar-Regolament (UE) 2016/429 jippermetti lill-Istati Membri li jirrikjedu li l-annimali akkwatiċi minn erjas ħielsa mill-mard biss jistgħu jiġu rilaxxati fl-ambjent naturali anki jekk l-ilmijiet li fihom ikunu rilaxxati ma jkollhomx status ta' ħelsien mill-mard. Barra minn hekk, l-Artikolu 205(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jistabbilixxu regoli supplimentari rigward il-movimenti ta' annimali akkwatiċi għall-finijiet tas-sajd sportiv, inkluż bħala lixki tas-sajd. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli supplimentari dwar proċedura li biha dik il-possibbiltà għall-Istati Membri tista' tinkiseb b'suċċess. Billi r-Regolament (UE) 2016/429 ma jeħtieġx ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għal movimenti bħal dawn ta' kunsinni ta' annimali akkwatiċi f'erjas li mhumiex ħielsa mill-mard, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli bħal dawn sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti fiż-żewġ Stati Membri jkunu f'pożizzjoni li jintraċċaw il-movimenti ta' kunsinni bħal dawn.

(15) Il-lixki tas-sajd ħajjin infettati b'marda elenkata jew emerġenti jirrappreżentaw riskju sinifikanti ta' mard għall-annimali akkwatiċi selvaġġi u potenzjalment għall-annimali tal-akkwakultura wkoll. Għaldaqstant, sabiex jiġi indirizzat dak ir-riskju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi li tali lixki tas-sajd ħajjin jiġu biss minn erja ħielsa mill-mard jekk ikunu jridu jintużaw fi Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard jew fi Stati Membri li jkunu ħadu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 199 tar-Regolament (UE) 2016/429.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 -30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

(16) L-Artikolu 208 u l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxu regoli fir-rigward tat-tip ta' movimenti ta' annimali akkwatiċi, li jeħtieġ li jiġu ċċertifikati. L-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ([6]) indikat madankollu li jeżistu xi ċirkostanzi limitati u speċifiċi ħafna fejn tista' tiġi applikata deroga mill-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 208 u l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-mard tal-kategorija C, bil-qbil tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri interessati. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom ma jkunx jenħtieġ li kunsinni ta' annimali akkwatiċi ta' speċijiet elenkati jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali meta dawn ikunu destinati għal Stati Membri ħielsa mill-mard.

(17) Id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni jinħarġu minn operaturi f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) 2016/429, għal kunsinni li jkunu jridu jingarru minn Stat Membru għal ieħor iżda li mhumiex meħtieġa li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali. Huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli dwar l-informazzjoni li dawn id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni jenħtieġ li jkun fihom biex jiġi żgurat li jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi ffaċilitata t-traċċabbiltà tal-kunsinni u biex jiġi appoġġat il-kummerċ sikur. Id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni għandhom valur miżjud fir-rigward tal-movimenti tal-annimali tal-akkwakultura bejn stabbilimenti tal-akkwakultura li qed jimplimentaw programmi ta' sorveljanza għal marda jew mard tal-kategorija C. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi li d-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni jinkludu l-informazzjoni neċessarja li tikkonferma li l-istabbiliment tal-oriġini tal-akkwakultura qed jipparteċipa fi programm ta' sorveljanza, u li m'hemm l-ebda suspett jew konferma ta' dik il-marda jew mard tal-kategorija C fl-istabbiliment tal-akkwakultura.

(18) Biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli rigward iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 216 (3) tar-Regolament (UE) 2016/429, il-veterinarju uffiċjali, qabel ma jiffirma ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, għandu jwettaq kontrolli tad-dokumentazzjoni, spezzjoni klinika u, jekk jenħtieġu, eżamijiet kliniċi, fl-istabbiliment tal-akkwakultura ta' oriġini. L-għan ta' dawk il-kontrolli huwa li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li marda elenkata jew emerġenti hija preżenti fl-istabbiliment tal-akkwakultura u li jiġi ffaċilitat il-kummerċ sikur. Jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti regoli supplimentari rigward dawk il-kontrolli.

(19) Sinjali kliniċi ta' mard huma inqas ovvji f'ċerti kategoriji ta' annimali tal-akkwakultura, bħall-bajd u l-molluski. Għalhekk, il-ħtieġa li jsiru spezzjonijiet kliniċi ta' dawn il-kategoriji ta' annimali tal-akkwakultura qabel kull trasferiment minn stabbiliment tal-akkwakultura, tikkostitwixxi użu mhux xieraq ta' riżorsi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi deroga mir-rekwiżit li jsiru spezzjonijiet kliniċi tal-bajd u tal-molluski kull darba li jeħtieġ li jiġu ċċertifikati, dment li jsiru ċerti kontrolli marbuta mad-dokumentazzjoni, id-data tal-ispezzjoni klinika preċedenti tal-annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment tal-akkwakultura, u d-dettalji tal-movimenti l-istabbiliment.

(20) L-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/88/KE tindika li f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll ċerti derogi oħra mir-rekwiżit li titwettaq spezzjoni klinika fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ. Dawn id-derogi huma maħsuba biex jippermettu flessibbiltà lill-awtorità kompetenti biex twettaq l-ispezzjoni klinika fi żmien perjodu ta' sebat ijiem qabel il-ħin tad-dispaċċ f'ċerti ċirkostanzi limitati meta l-probabbiltà ta' manifestazzjoni ta' mard jew ir-riskju tat-tixrid ta' mard elenkat jew emerġenti jkunu stmati li huma baxxi.

(21) L-Artikolu 219 u l-Artikolu 220 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxu l-obbligi fuq l-operaturi għajr it-trasportaturi, u fuq l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, fir-rigward tan-notifika ta' movimenti ta' annimali akkwatiċi minn Stat Membru għal ieħor. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli supplimentari dwar l-informazzjoni li l-operaturi jenħtieġ li jipprovdu lill-awtorità kompetenti qabel kull moviment bħal dan, kif ukoll l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini jenħtieġ li tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Din in-notifika bil-quddiem dwar il-movimenti bejn l-Istati Membri jenħtieġ li tapplika kemm għall-annimali tal-akkwakultura kif ukoll għall-annimali akkwatiċi selvaġġi.

(22) Fil-każ ta' movimenti ta' annimali tal-akkwakultura ta' speċi elenkati bejn stabbiliment fi Stat Membru wieħed li jkun qed jipparteċipa fi programm ta' sorveljanza għal ċerta marda tal-kategorija C, u stabbiliment fi Stat Membru ieħor li jkun qed jipparteċipa fi programm ta' sorveljanza għall-istess marda tal-kategorija C, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata minn qabel, biex jiġi żgurat li l-istabbiliment ta' destinazzjoni jirċievi annimali tal-akkwakultura bl-istatus ta' saħħa adegwat. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw l-informazzjoni, li jenħtieġ li tiġi nnotifikata lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini mill-operatur tal-istabbiliment tal-oriġini, kif ukoll l-informazzjoni, li dik l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tinnotifika lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14).

(23) Peress li n-notifika ta' movimenti bejn l-Istati Membri hija pass importanti biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, u bħala appoġġ għal kummerċ sikur, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti għal notifika minn qabel inkluż id-dettalji tal-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi pprovduta mill-operaturi kif ukoll proċeduri ta' emerġenza għal tali notifiki. L-Artikoli 219(2), 220(2) u 221(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u l-Artikolu 46 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([7]) jiddeskrivu l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-operaturi u mill-awtoritajiet kompetenti f'rabta ma notifiki bħal dawn u l-proċeduri ta' emerġenza li jridu jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti fil-każ ta' qtugħ ta' elettriku jew disturbi oħra għal TRACES.

(24) L-Artikolu 222(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati relatati mal-obbligi tal-operaturi fir-rigward ta' movimenti ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, inkluż il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jenħtieġ li jiġu applikati għal tali prodotti fil-postijiet tal-oriġini u tad-destinazzjoni. L-Artikolu 222(4) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li r-regoli stabbiliti f'dak l-Artikolu, ma japplikawx għal prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi selvaġġi li jinħasdu jew li jinqabdu għall-konsum mill-bniedem direttt. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-regoli supplimentari stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw biss għal prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura u jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri li jridu jittieħdu meta ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati, għajr annimali ħajjin tal-akkwakultura, jidħlu f'erja ħielsa mill-mard għal aktar ipproċessar jew jekk ikunu ġew awtorizzati mill-awtorità kompetenti li jitilqu minn stabbiliment jew żona li jkunu soġġetti għal miżuri ta' emerġenza jew restrizzjonijiet ta' moviment. Ir-regoli supplementari jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll ir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni u ta' notifika dwar is-saħħa tal-annimali li jenħtieġ li japplika għal dawn il-movimenti sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' tali prodotti.

(25) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' movimenti ta' annimali akkwatiċi ħajjin, jenħtieġ li jirreferu għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, b'ċerti derogi għall-ispeċijiet vetturi stabbiliti fil-kolonna 4. Madankollu, minħabba l-livell aktar baxx ta' riskju assoċjat ma' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali ħajjin tal-akkwakultura, ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-moviment ta' prodotti bħal dawn jenħtieġ li japplikaw biss għal dawk l-ispeċijiet suxxettibbli elenkati fil-kolonna 3 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, u jenħtieġ li ma japplikawx għall-ispeċijiet vetturi stabbiliti fil-kolonna 4 tal-istess tabella.

(26) Prodotti li joriġinaw minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin jenħtieġu f'ċerti ċirkostanzi li jiġu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 223 tar-Regolament (UE) 2016/429. Id-dettalji tal-kontenut ta' dawn iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jenħtieġ li jiġu stipulati f'dan ir-Regolament.

(27) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-21 ta' April 2021 f'konformità mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

PARTI I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jissupplimenta r-regoli stabbiliti fil-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti IV tar-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward ta' movimenti ta' annimali akkwatiċi u ta' prodotti minn annimali akkwatiċi fi ħdan l-Unjoni,

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha ("ir-Regolament IMSOC") (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

B'mod partikolari, jistabbilixxi regoli dwar:

(a) l-obbligi fuq l-operaturi, inkluż it-trasportaturi, għat-trasport ta' annimali akkwatiċi;

(b) ir-rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali għal movimenti ta' annimali akkwatiċi maħsuba għal ċerti użi jew għanijiet speċifiċi, inkluż ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni u n-notifikazzjoni;

(c) il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura, għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691.

Japplikaw ukoll dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura riġida oħra użata għat-trasport tal-annimali akkwatiċi jew tal-bajd tal-annimali akkwatiċi, li mhumiex il-mezz tat-trasport;

(2) "dgħajsa barrada" tfisser bastiment li jkollu bir jew tank għall-ħażna, it-trasport jew it-trattament ta' annimali tal-akkwakultura ħajjin fl-ilma;

(3) "speċijiet vetturi" tfisser l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jitqiesu bħala vetturi kif stabbilit fil-kolonna 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(4) "lixka tas-sajd" tfisser kull annimal akkwatiku li jintuża biex jattira jew jaqbad annimal akkwatiku ieħor;

(5) "miżuri nazzjonali" tfisser miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' mard għajr mard elenkat kif imsemmi fl-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(6) "ħabitat" tfisser erjas akkwatiċi li jingħarfu permezz ta' karatteristiċi ġeografiċi, abijotiċi jew bijotiċi, sew jekk għal kollox naturali kif ukoll jekk seminaturali.

(7) "Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard" tfisser Stat Membru, żona jew kompartiment tiegħu li jkunu ġew ddikjarati ħielsa mill-mard f'konformità mal-Artikolu 36(4) jew 37(4) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(8) "programm ta' eradikazzjoni" tfisser programm obbligatorju ta' eradikazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31 (1) tar-Regolament (UE) 2016/429, jew programm fakultattiv ta' eradikazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31 (2) ta' dak ir-Regolament;

(9) "stabbiliment tal-akkwakultura rreġistrat" tfisser stabbiliment li ġie rreġistrat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(10) "stabbiliment tal-akkwakultura approvat" tfisser stabbiliment li ġie approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 176 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(11) "grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvat" tfisser grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvat f'konformità mal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) 2016/429;

PARTI II

MOVIMENTI TA' ANNIMALI AKKWATIĊI

KAPITOLU 1

Rekwiżiti ġenerali għall-operaturi għat-trasport ta' annimali akkwatiċi

Artikolu 3

Obbligi ġenerali fuq l-operaturi fir-rigward ta' rekwiżiti ta' bijosigurtà għat-trasport tal-annimali akkwatiċi

1. L-operaturi, inkluż it-trasportaturi, għandhom jiżguraw li l-annimali akkwatiċi:

(a) jitgħabbew u jinġarru f'ilma li ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;

(b) ma jiġux trasportati fl-istess ilma jew fl-istess kontenitur bħall-annimali akkwatiċi ta' stat ta' saħħa inferjuri, mill-ħin tat-tagħbija tagħhom sal-ħin tal-wasla fil-post tad-destinazzjoni tagħhom.

2. L-operaturi, inkluż it-trasportaturi, għandhom jiżguraw li:

(a) il-mezzi tat-trasport u l-kontenituri huma ddisinjati u mibnija b'tali mod li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod effettiv bejn il-kunsinni sabiex l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat waqt it-trasport;

(b) il-kontenitur, meta ma jkunx oġġett li jintuża darba biss, jew il-bastiment, kif ukoll tagħmir tat-trasport ieħor, jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat bejn il-kunsinni.

3. L-operaturi, inkluż it-trasportaturi, għandhom jiżguraw li t-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa mill-paragrafu 2(b) jitwettqu f'konformità mal-protokoll miftiehem mill-awtorità kompetenti tal-post ta' oriġini, li għandu jinkludi dettalji ta' fejn u meta għandhom isiru t-tindif u d-diżinfezzjoni u t-tip ta' aġenti disinfettanti li għandhom jintużaw.

Artikolu 4

Obbligi ġenerali fuq l-operaturi fir-rigward ta' rekwiżiti għat-tibdil u r-rimi tal-ilma waqt it-trasport tal-annimali akkwatiċi

1. L-operaturi, inkluż it-trasportaturi, għandhom jiżguraw li fejn ikun meħtieġ li jinbidel l-ilma, dan iseħħ biss kif ġej:

(a) fil-każ ta' trasport fuq l-art: f'punti ta' skambju fejn it-tibdil ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi li jkunu qed jiġu ttrasportati, jew ta' dawk fil-post tad-destinazzjoni jew fit-triqithom lejn dik id-destinazzjoni;

(b) fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada: f'distanza ta' mill-inqas 10 km minn kull stabbiliment tal-akkwakultura li jinsab fit-triq mill-post tat-tagħbija sal-post tad-destinazzjoni.

2. L-operaturi, inkluż it-trasportaturi, għandhom jiżguraw li t-tibdil tal-ilma kif imsemmi fil-paragrafu 1, ma jsirx f'erjas li huma soġġetti għal restrizzjonijiet ta' moviment jew miżuri ta' emerġenza.

Artikolu 5

Obbligi fuq l-operaturi fir-rigward ta' trasport u rekwiżiti ta' tikkettar speċifiċi li jikkonċernaw mezzi ta' trasport u kontenituri li fihom jiġu ttrasportati annimali akkwatiċi

1. L-operaturi, inkluż it-trasportaturi, ta' kunsinni ta' annimali akkwatiċi li huma akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 208 jew l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE) 2016/429, għandhom jiżguraw li l-mezzi tat-trasport jew il-kontenituri li fihom jiġu ttrasportati dawk l-annimali akkwatiċi, jiġu identifikati permezz ta' tikketta li tinqara li trid:

(a) tintwera f'pożizzjoni viżibbli fuq il-kontenitur jew il-mezz ta' trasport, kif ikun prattikabbli;

(b) ikun fiha l-informazzjoni neċessarja biex tintrabat b'mod ċar il-kunsinna maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(b), fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada, it-tikketta tista' tiġi sostitwita b'entrata fil-manifest tal-bastiment li jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa biex torbot b'mod ċar il-kunsinna maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-paragrafu 1.

KAPITOLU 2

Rekwiżiti supplimentari dwar is-saħħa tal-annimali għal movimenti ta' annimali akkwatiċi

Taqsima 1

Movimenti ta' annimali akkwatiċi maħsuba għal stabbilimenti tal-akkwakultura jew għar-rilaxx fl-ambjent naturali

Artikolu 6

Derogi mir-rekwiżit għall-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati li joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard

B'deroga mill-Artikolu 197(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi, inkluż it-trasportaturi, jistgħu jċaqilqu annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati rilevanti għall-mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C li għalihom l-Istat Membru, iż-żona jew il-kompartiment tad-destinazzjoni jkunu kisbu status ta' ħelsien mill-mard jew li jkunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni, minn Stati Membri, minn żoni jew minn kompartimenti li mhumiex ħielsa minn dak il-mard elenkat, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-annimali tal-akkwakultura jagħmlu parti minn waħda mill-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u mhumiex jitqiesu bħala vetturi tal-marda tal-kategorija B jew tal-kategorija C inkwistjoni; jew

(b) l-annimali tal-akkwakultura jagħmlu parti minn waħda mill-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u huma vetturi, iżda jistgħu jitqiesu bħala ħielsa mill-mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C fil-kwistjoni, peress li jkunu lestew il-kwarantina fi stabbiliment ta' kwarantina approvat f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (2) tal-Parti 8 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat; jew

(c) l-annimali tal-akkwakultura jagħmlu parti minn waħda mill-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u huma vetturi, iżda dawn ikunu nżammu fi stabbiliment tal-akkwakultura approvat f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691 skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (2) tal-Parti 9 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat, u ma għadhomx jitqiesu bħala vetturi tal-mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C inkwistjoni; jew

(d) l-annimali tal-akkwakultura huma maħsuba għal stabbiliment konfinat għal skopijiet xjentifiċi.

Artikolu 7

Obbligi fuq l-operaturi fir-rigward ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-mard u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għal movimenti ta' annimali akkwatiċi selvaġġi lejn stabbilimenti tal-akkwakultura

B'deroga mill-Artikolu 197(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2016/429 flimkien mal-Artikolu 200(1) tiegħu, l-operaturi, inkluż it-trasportaturi, jistgħu jċaqilqu annimali akkwatiċi selvaġġi ta' speċijiet elenkati rilevanti għall-mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C, li għalihom l-Istat Membru, iż-żona jew il-kompartiment tad-destinazzjoni jkunu kisbu status ta' ħelsien mill-mard jew li jkunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni, minn Stati Membri, minn żoni jew minn kompartimenti li mhumiex ħielsa minn dak il-mard elenkati, dment li dawk l-annimali akkwatiċi selvaġġi jkunu destinati għal stabbiliment tal-akkwakultura u jkunu japplikaw iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-annimali jitqiesu li huma ħielsa mill-mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C inkwistjoni, minħabba li jkunu lestew il-kwarantina fi stabbiliment ta' kwarantina approvat f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691 skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (2) tal-Parti 8 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat; jew

(b) fil-każ ta' annimali akkwatiċi selvaġġi ta' speċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u li huma vetturi, dawn ikunu nżammu f'iżolament fi stabbiliment tal-akkwakultura approvat f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691 skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (2) tal-Parti 9 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat, u m'għadhomx jitqiesu bħala vetturi.

Taqsima 2

Movimenti ta' annimali akkwatiċi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Artikolu 8

Derogi mir-rekwiżiti ta' moviment ta' annimali akkwatiċi ħajjin ta' speċijiet elenkati maħsuba għall-konsum mill-bniedem fi Stat Membru, żona jew kompartiment, li jkunu kisbu l-istatus ta' ħelsien mill-mard jew li jkunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni

B'deroga mill-Artikolu 201(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 flimkien mal-Artikolu 202(1) tiegħu, meta l-annimali akkwatiċi ħajjin ikunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi li jċaqilqu annimali ta' speċijiet elenkati għal mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C li għalihom l-Istat Membru, iż-żona jew il-kompartiment tad-destinazzjoni jkunu kisbu l-istatus ta' ħelsien mill-mard, jew li jkunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni, meta tapplika waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-annimali akkwatiċi ħajjin ikunu jagħmlu parti minn waħda mill-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u ma jkunux vetturi tal-mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C fil-kwistjoni; jew

(b) l-annimali akkwatiċi ħajjin ikunu destinati għal stabbiliment tal-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku għall-qatla u l-ipproċessar sussegwenti u jkunu oriġinaw minn erja li hija soġġetta għal restrizzjonijiet ta' moviment jew miżuri ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 191(2)(b) (i) u (ii) tar-Regolament (UE) 2016/429, u fejn tali movimenti jkunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti, u jsiru f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik l-awtorizzazzjoni; jew

(c) l-annimali akkwatiċi ħajjin ikunu molluski jew krustaċji li jiġu ppakkjati u ttikkettati għall-konsum tal-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fit-Taqsima VII u t-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ma jkollhomx jistgħu jsalvaw bħala annimali ħajjin jekk jintbagħtu lura fl-ambjent akkwatiku; jew

(d) l-annimali akkwatiċi ħajjin ikunu molluski jew krustaċji li jkunu ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fit-Taqsima VII jew it-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u huma maħsuba għal aktar ipproċessar mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar; jew

(e) l-annimali akkwatiċi ħajjin ikunu molluski jew krustaċji li jkunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, u jkunu ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fit-Taqsima VII u fit-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Taqsima 3

Movimenti ta' annimali akkwatiċi maħsuba għal użi u għanijiet speċifiċi oħra

Artikolu 9

Rekwiżiti għas-saħħa tal-annimali għal movimenti ta' annimali tal-akkwakultura lejn stabbilimenti konfinati

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati minn stabbiliment konfinat għal stabbiliment konfinat fi Stat Membru ieħor jekk dawk l-annimali ma jippreżentaw l-ebda riskju sinifikanti għat-tixrid tal-mard li għalih huma elenkati, abbażi tar-riżultati tal-pjan ta' sorveljanza msemmi fl-Artikolu 9(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu l-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati rilevanti għall-mard tal-kategorija D biss minn stabbilimenti tal-akkwakultura li mhumiex stabbilimenti konfinati għal stabbiliment konfinat biss jekk dawk l-annimali jikkonformaw ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard;

(b) jitqiegħdu fi kwarantina f'kundizzjonijiet adegwati f'wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) stabbiliment ta' kwarantina approvat f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691; jew

(ii) faċilità ta' kwarantina fi stabbiliment konfinat ieħor; jew

(iii) f'faċilità ta' kwarantina tal-istabbiliment konfinat tad-destinazzjoni finali;

(c) ikunu annimali tal-akkwakultura li jagħmlu parti minn waħda mill-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u jkunu speċijiet vetturi, iżda dawn ikunu nżammu fi stabbiliment tal-akkwakultura approvat f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691 skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (2) tal-Parti 9 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat, u m'għadhomx jitqiesu bħala vetturi.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-operaturi jistgħu jittrasferixxu l-annimali tal-akkwakultura li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu fi stabbiliment konfinat għal għanijiet xjentifiċi.

Artikolu 10

Rekwiżiti supplimentari għar-rilaxx ta' annimali akkwatiċi fl-ambjent naturali

L-operaturi għandhom iċaqilqu annimali akkwatiċi għar-rilaxx fl-ambjent naturali biss fi Stati Membri li jkunu ħadu miżuri f'konformità mal-Artikolu 199 tar-Regolament (UE) 2016/429 u dawk l-annimali akkwatiċi jkunu se jintużaw għas-sajd sportiv, inkluż bħala lixki tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 205(2)(a)(iii) tiegħu, jekk dawn joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard, u jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun innotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li huwa japplika miżuri f'konformità mal-Artikolu 199 tar-Regolament (UE) 2016/429 għall-annimali akkwatiċi għas-sajd sportiv, inkluż il-lixki tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 205(2)(a)(iii) tiegħu;

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tkun awtorizzat il-moviment;

(c) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jkollhom sistemi fis-seħħ sabiex jiżguraw it-traċċabbiltà tal-annimali akkwatiċi mċaqilqa f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 11

Ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għal movimenti ta' annimali akkwatiċi li jintużaw bħala lixki tas-sajd ħajjin

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss lixki tas-sajd ħajjin li huma annimali akkwatiċi li jagħmlu parti mill-ispeċijiet elenkati rilevanti għal mard tal-kategorija D, li jagħmlux parti minn dawk elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u li ma jitqisux speċijiet vetturi, fi Stat Membru, żona jew kompartiment li jkunu ġew iddikjarati ħielsa mill-mard, jew li jkunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni biex jiksbu l-istatus ta' ħelsien mill-mard għal waħda jew aktar minn dak il-mard rilevanti tal-kategorija D, jekk dawn il-lixki tas-sajd ħajjin joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard.

Kapitolu 3

Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u notifika tal-moviment

Taqsima 1

Regoli ġenerali fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali

Artikolu 12

Derogi mir-rekwiżit taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal ċerti speċijiet ta' annimali tal-akkwakultura

Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali stipulati fl-Artikolu 208(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati rilevanti għal mard tal-kategorija C mingħajr ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, dment li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tkun infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li dawn il-movimenti huma awtorizzati sakemm ikunu konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (c) u fil-punt (d);

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tkun awtorizzat id-deroga;

(c) il-marda tal-kategorija C inkwistjoni qatt ma tkun seħħet la fl-Istat Membru ta' oriġini u lanqas fl-Istat Membru ta' destinazzjoni;

(d) kemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini kif ukoll dik tad-destinazzjoni jkollhom fis-seħħ sistemi biex jiżguraw it-traċċabbiltà tal-annimali tal-akkwakultura li jiġu mċaqilqa f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c).

Taqsima 2

Regoli dwar il-kontenut taċ-ċertifikati tas-Saħħa tal-Annimali u dokumenti ta' awtodikjarazzjoni għal annimali akkwatiċi

Artikolu 13

Regoli dwar il-kontenut taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-ispeċijiet u l-kategoriji differenti ta' annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE) 2016/429 għal annimali akkwatiċi li mhumiex annimali tal-akkwakultura jinkludu dan li ġej:

(a) l-informazzjoni ġenerali speċifikata fil-paragrafu 1 jew 2 tal-Parti A tal-Anness II, kif rilevanti għall-annimali tal-akkwakultura jew għall-annimali akkwatiċi selvaġġi;

(b) il-garanziji speċifiċi tas-saħħa tal-annimali f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu kif rilevanti għall-ispeċi u l-kategorija tal-annimali akkwatiċi inkwistjoni;

(c) id-dettalji tal-għan li għalih għandhom jintużaw l-annimali akkwatiċi f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Parti A tal-Anness II.

2. Il-garanziji speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għal annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet rilevanti msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-annimali akkwatiċi li qed jiġu mċaqilqa ma juru l-ebda sintomu ta' mard; u joriġinaw jew:

(i) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew ħabitat fejn ma tkunx ġiedet il-mortalità għal raġuni indeterminata; jew

(ii) minn parti mill-istabbiliment tal-akkwakultura jew mill-ħabitat li tkun indipendenti mill-unità epidemjoloġika fejn tkun ġiedet il-mortalità jew ikun hemm sintomi oħra ta' mard, meta l-Istat Membru ta' destinazzjoni u, jekk rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru/l-Istati Membri ta' tranżitu, jekk ikun hemm tali Stati Membri, ikunu taw il-kunsens biex iseħħ dan il-moviment; jew

(iii) minn stabbiliment tal-akkwakultura li jkun soġġett għar-restrizzjonijiet ta' moviment jew għall-miżuri ta' emerġenza stabbiliti fl-Artikolu 191(2)(b)(i) u (ii) tar-Regolament (UE) 2016/429 u tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti deroga minn dawk ir-restrizzjonijiet ta' moviment jew miżuri ta' emerġenza u l-moviment isir f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti ta' dik l-awtorizzazzjoni;

(b) l-annimali akkwatiċi li jiġu mċaqilqa joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment li jikkonformaw ma' waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ikollhom status ta' ħelsien mill-marda tal-kategorija B jew marda tal-kategorija C li għalih l-Istat Membru, iż-żona jew il-kompartiment tad-destinazzjoni jkunu kisbu status ta' ħelsien minn marda jew li jkunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni; jew

(ii) ikunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni għal marda tal-kategorija B jew tal-kategorija C, meta l-annimali akkwatiċi jkunu destinati għal stabbiliment tal-akkwakultura li jkun ukoll soġġett għal programm ta' eradikazzjoni għall-istess marda tal-kategorija B jew tal-kategorija C;

(c) meta l-Istati Membri ta' destinazzjoni jkunu ħadu miżuri nazzjonali, l-annimali akkwatiċi tal-ispeċi rilevanti jikkonformaw mal-garanziji tas-saħħa li huma meħtieġa biex jikkonformaw ma' dawk il-miżuri nazzjonali;

(d) meta l-annimali tal-akkwakultura jiġu mċaqilqa minn stabbilimenti tal-akkwakultura għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2(a)(iii), ikun twettaq kontroll tad-dokumentazzjoni dwar il-mortalità, il-movimenti, u r-rekords dwar is-saħħa u l-produzzjoni tal-istabbiliment tal-akkwakultura u dan jindika li m'hemm l-ebda suspett ta' marda elenkata jew emerġenti fl-istabbiliment tal-akkwakultura.

Artikolu 14

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni għal speċijiet u kategoriji differenti ta' annimali tal-akkwakultura

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li d-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni għall-movimenti tal-annimali tal-akkwakultura mill-post tal-oriġini tagħhom fi Stat Membru wieħed lejn il-post tad-destinazzjoni tagħhom fi Stat Membru ieħor, maħruġa f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) 2016/429, jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni speċifika msemmija fil-paragrafi 2 u 3, kif rilevanti għall-kategorija tal-annimal tal-akkwakultura inkwistjoni;

(b) l-informazzjoni ġenerali speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Parti B tal-Anness II;

(c) id-dettalji tal-iskop li għalih se jintużaw l-annimali tal-akkwakultura f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Parti B tal-Anness II.

2. Minbarra r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, l-operaturi għandhom jiżguraw li d-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni għall-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati jinkludu l-informazzjoni speċifika li ġejja:

(a) dikjarazzjoni li l-annimali tal-akkwakultura li qed jiġu mċaqilqa ma juru ebda sintomu ta' mard u li joriġinaw jew:

(i) minn stabbiliment tal-akkwakultura fejn ma tkunx żdiedet il-mortalità għal raġuni indeterminata; jew

(ii) minn parti mill-istabbiliment tal-akkwakultura li tkun indipendenti mill-unità epidemjoloġika fejn tkun żdiedet il-mortalità jew ikun hemm sintomi oħra ta' mard, meta l-Istat Membru ta' destinazzjoni u, jekk rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru/l-Istati Membri ta' tranżitu, jekk ikun hemm tali Stati Membri, ikunu taw il-kunsens biex iseħħ dan il-moviment;

(b) meta l-annimali tal-akkwakultura huma maħsuba għal stabbiliment tal-akkwakultura li qed jipparteċipa fi programm ta' sorveljanza għal marda tal-kategorija C, dikjarazzjoni li l-annimali tal-akkwakultura joriġinaw minn stabbiliment tal-akkwakultura:

(i) li qed jipparteċipa fi programm ta' sorveljanza għal dik il-marda tal-kategorija C speċifikata; kif ukoll

(ii) meta ma kienx hemm suspett jew konferma tal-preżenza ta' dik il-marda tal-kategorija C speċifikata u dan huwa appoġġat mit-teħid ta' kampjuni u d-*data* tal-laboratorju msemmija fil-paragrafu 1 (f) tal-Parti B tal-Anness II.

3. Minbarra r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, l-operaturi għandhom jiżguraw li d-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni għall-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet mhux elenkati u għall-annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 li ma jitqisux vetturi tal-marda rilevanti tal-kategorija C, ikun fihom informazzjoni li tindika li l-annimali tal-akkwakultura li qed jiġu mċaqilqa ma juru l-ebda sintomu ta' mard: u joriġinaw jew:

(a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew ħabitat fejn ma tkunx żdiedet il-mortalità għal raġuni indeterminata; jew

(b) minn parti mill-istabbiliment tal-akkwakultura li tkun indipendenti mill-unità epidemjoloġika fejn tkun żdiedet il-mortalità jew ikun hemm każijiet ta' sintomi oħra, meta l-Istat Membru ta' destinazzjoni u l-Istat Membru/l-Istati Membri ta' tranżitu, jekk ikun hemm tali Stati Membri, ikunu taw il-kunsens biex iseħħ dan il-moviment;

Taqsima 3

Regoli dwar ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Artikolu 15

Regoli dwar ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali

1. Qabel ma jiġi ffirmat ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 216(2)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429, il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq il-kontrolli u l-eżamijiet tad-dokumenti, fl-istabbiliment tal-akkwakultura:

(a) kontroll tad-dokumentazzjoni tar-rekords tal-mortalità, ir-rekords tal-moviment u r-rekords dwar is-saħħa u l-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment tal-akkwakultura; kif ukoll

(b) spezzjoni klinika u, meta rilevanti, eżami kliniku ta':

(i) l-annimali tal-akkwakultura li jridu jiġu mċaqilqa;

(ii) kull annimal tal-akkwakultura moribond li jiġi osservat f'unitajiet ta' produzzjoni li mhumiex dawk li fihom jinżammu l-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-punt (i);

(iii) annimali tal-akkwakultura minn kull unità ta' produzzjoni fl-istabbiliment tal-akkwakultura fejn il-kontroll tad-dokumentazzjoni jkun qajjem xi suspett dwar il-preżenza ta' marda elenkata jew marda emerġenti.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(b), fil-każ ta' bajd u molluski, tista' ma ssirx spezzjoni klinika meta kunsinna tkun ser tiġi ttrasportata mill-istabbiliment tal-akkwakultura fi żmien 4 ġimgħat mid-data li fiha tkun tlestiet l-aħħar spezzjoni klinika, dment li jsir kontroll tad-dokumentazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1(a) sa mhux aktar tard minn 72 siegħa qabel ma tintbagħat il-kunsinna, u dan il-kontroll tad-dokumentazzjoni jindika li:

(a) ma sar l-ebda ċaqliq ta' speċijiet elenkati lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura mill-aħħar spezzjoni klinika; kif ukoll

(b) m'hemm l-ebda suspett ta' mard elenkat jew emerġenti fl-istabbiliment tal-akkwakultura.

3. Il-veterinarju uffiċjali għandu, wara li jlesti l-kontrolli, l-ispezzjonijiet u meta jenħtieġ, l-eżamijiet imsemmija fil-paragrafu 1, joħroġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-kunsinna ta' annimali tal-akkwakultura jew bajd f'perjodu ta' 72 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-kunsinna mill-istabbiliment tal-oriġini.

4. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, kif previst fl-Artikolu 216(2)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun validu għal perjodu ta' 10t ijiem mid-data meta jinħareġ mill-veterinarju uffiċjali.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fil-każ tat-trasport tal-annimali permezz tal-baħar jew permezz tal-passaġġi fuq l-ilma, il-perjodu ta' 10t ijiem jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ permezz tal-baħar jew permezz tal-passaġġi fuq l-ilma.

Artikolu 16

Derogi minn ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-eżamijiet kliniċi u ċ-ċertifikazzjoni qabel il-moviment

1. B'deroga mill-Artikolu 15(3), il-perjodu li fih il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq l-ispezzjoni klinika u, meta jenħtieġ, l-eżami kliniku, u joħroġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 15(2), jista' jiġi estiż minn perjodu ta' 72 siegħa għal perjodu ta' sebat ijiem qabel id-data tat-tluq mill-istabbiliment ta' oriġini tal-akkwakultura, soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) movimenti multipli tal-istess speċi ta' annimali tal-akkwakultura jseħħu mill-istess stabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini għall-istess stabbiliment tal-akkwakultura tad-destinazzjoni u l-movimenti jseħħu f'mhux aktar minn sebat ijiem minn xulxin;

(b) kontroll tad-dokumentazzjoni tar-rekords dwar il-mortalità, ir-rekords tal-moviment, ir-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni jsiru qabel il-moviment ta' kull kunsinna, u ssir spezzjoni klinika u, meta jkun meħtieġ, eżami kliniku, fi żmien il-perjodu ta' 72 siegħa qabel ma jsir l-ewwel moviment u mill-inqas kull sebat ijiem wara, sakemm iseħħ l-aħħar wieħed minn dawk il-movimenti msemmija fil-punt (a);

(c) kull kunsinna tkun kompletament rintraċċabbli.

2. Il-veterinarju uffiċjali għandu joħroġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 216(2)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429, għal kull kunsinna li tiġi ttrasferita matul il-perjodu ta' sebat ijiem bejn l-ispezzjonijiet kliniċi msemmija fil-paragrafu 1, soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma sar l-ebda ċaqliq ta' speċijiet elenkati lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura mill-aħħar spezzjoni klinika; kif ukoll

(b) m'hemm l-ebda suspett ta' mard elenkat jew mard emerġenti fl-istabbiliment tal-akkwakultura.

Taqsima 4

Regoli dettaljati dwar in-notifika ta' movimenti ta' annimali akkwatiċi

Artikolu 17

Notifika minn qabel tal-movimenti lejn Stat Membru ieħor tal-annimali tal-akkwakultura minn stabbiliment tal-akkwakultura soġġett għal programm ta' sorveljanza għal marda tal-kategorija C

L-operaturi ta' stabbilimenti li jimplimentaw programm ta' sorveljanza għal marda speċifikata tal-kategorija C f'konformità mal-Artikolu 3(2)(b)(iv) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, li qed iċaqilqu l-annimali tal-akkwakultura lejn stabbiliment ieħor tal-akkwakultura li jimplimenta programm ta' sorveljanza għall-istess marda tal-kategorija C fi Stat Membru ieħor, għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom qabel ma jsir iċ-ċaqliq maħsub.

Artikolu 18

Obbligu tal-operaturi dwar in-notifika ta' movimenti ta' annimali akkwatiċi lejn Stati Membri oħra

L-operaturi li huma meħtieġa jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom dwar il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali akkwatiċi lejn Membru ieħor, f'konformità mal-Artikolu 219 tar-Regolament (UE) 2016/429, għandhom jipprovdu lil dik l-awtorità kompetenti l-informazzjoni li ġejja li tikkonċerna kunsinni bħal dawn stabbilita fi:

(a) il-paragrafu 1 u l-paragrafu 3 tal-Parti A tal-Anness II dwar l-annimali tal-akkwakultura, għajr dawk imsemmija fil-punt (c) ta' dan l-Artikolu li jridu jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor;

(b) il-paragrafu 2 u l-paragrafu 3 tal-Parti A tal-Anness II dwar l-annimali akkwatiċi selvaġġi li jridu jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor;

(c) il-Parti B tal-Anness II dwar l-annimali tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 17, li jrid jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor.

Artikolu 19

Obbligu ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti dwar in-notifika tal-movimenti ta' annimali akkwatiċi lejn Stati Membri oħrajn

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini meħtieġa li tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni dwar movimenti ta' kunsinni ta' annimali akkwatiċi lejn Stat Membru ieħor, f'konformità mal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni li tikkonċerna kunsinni bħal dawn stabbilita:

(a) fil-paragrafu 1 u l-paragrafu 3 tal-Parti A tal-Anness II dwar l-annimali tal-akkwakultura, għajr dawk imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 18 li jridu jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor;

(b) il-paragrafu 2 u l-paragrafu 3 tal-Parti A tal-Anness II dwar l-annimali akkwatiċi selvaġġi li jridu jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni dwar il-movimenti tal-annimali tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 17, tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-istabbiliment tal-akkwakultura fil-programm ta' sorveljanza msemmi f'dak l-Artikolu u tipprovdi l-informazzjoni stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

Artikolu 20

Il-proċeduri ta' emerġenza għan-notifika ta' movimenti ta' annimali akkwatiċi bejn l-Istati Membri fil-każ ta' qtugħ ta' elettriku u disturbi oħra tat-TRACES

Fil-każ ta' qtugħ tal-enerġija u disturbi oħrajn tat-TRACES, l-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini tal-annimali akkwatiċi li jridu jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor, għandha tikkonforma mal-arranġamenti ta' kontinġenza stabbiliti skont l-Artikolu 46 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

Artikolu 21

Dežinjazzjoni tar-reġjuni għall-ġestjoni tan-notifiki tal-movimenti

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw ir-reġjuni tat-territorju tagħhom għall-ġestjoni tan-notifiki tal-movimenti ta' annimali akkwatiċi lejn Stati Membri oħra, kif prevista fl-Artikoli 17, 18 u 19.

Huma u jiddeżinjaw ir-reġjuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-partijiet kollha tat-territorju tagħhom ikunu koperti minn mill-inqas reġjun wieħed;

(b) kull reġjun iddeżinjat jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità kompetenti ddeżinjata għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali f'dak ir-reġjun;

(c) l-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġjun iddeżinjat ikollha aċċess għat-TRACES;

(d) il-persunal tal-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġjun iddeżinjat ikollu l-abbiltà u l-għarfien xierqa, u jkun ingħata taħriġ speċifiku, jew ikollu esperjenzi prattiċi ekwivalenti fl-użu tat-TRACES għall-produzzjoni, l-immaniġġjar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni prevista fl-Artikoli 17, 18 u 19.

PARTI III

IL-PRODUZZJONI, L-IPPROĊESSAR U D-DISTRIBUZZJONI TA' PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI MINN ANNIMALI TAL-AKKWAKULTURA, GĦAJR ANNIMALI TAL-AKKWAKULTURA ĦAJJIN

Artikolu 22

Obbligi tal-operaturi li jċaqilqu prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, għal aktar ipproċessar fi Stat Membru, żona jew kompartiment ħielsa mill-mard li jkunu kisbu l-istatus ta' ħelsien mill-mard jew ikunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni

1. Meta jkunu maħsuba għal aktar ipproċessar, l-operaturi għandhom iċaqalqu biss prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għall-mard tal-kategorija B jew tal-kategorija C li għalih l-Istat Membru, iż-żona jew il-kompartiment tad-destinazzjoni jkunu kisbu l-istatus ta' ħelsien mill-mard, jew li jkunu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni, jekk ikunu joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment li jkunu ħielsa mill-mard inkwistjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-prodotti li ġejjin li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw ma' dak il-paragrafu 1:

(a) ħut maħsub għall-konsum mill-bniedem li jinqatel u jitneħħielu l-ġewwieni qabel il-moviment;

(b) prodotti li joriġinaw mill-annimali li huma destinati għal stabbiliment tal-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku.

Artikolu 23

L-obbligi tal-operaturi li jċaqilqu prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, minn ċerti stabbilimenti u żoni

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, li joriġinaw minn stabbilimenti u żoni li huma soġġetti għall-miżuri ta' emerġenza dwar il-mard elenkat u emerġenti msemmi fl-Artikolu 222(2)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429, jew minn restrizzjonijiet fuq il-moviment imsemmija fl-Artikolu 222(2)(b) tiegħu, lejn Stat Membru, żona jew kompartiment ieħor, soġġetti għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-movimenti huma awtorizzati mill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni; kif ukoll

(b) il-prodotti mill-annimali inkwistjoni jikkonformaw mal-kundizzjonijiet mehmuża mal-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a).

Artikolu 24

Rekwiżiti speċifiċi dwar it-trasport u t-tikkettar għal prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura, għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin

L-operaturi, inkluż it-trasportaturi, għandhom jiżguraw li kunsinni ta' prodotti li joriġinaw minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, kif imsemmi fl-Artikoli 22 u 23 ta' dan ir-Regolament, li huma meħtieġa jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa f'konformità mal-Artikolu 223(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-kunsinni jkunu rintraċċabbli waqt it-trasport;

(b) il-kunsinni jiġu identifikati permezz ta' tikketta leġġibbli li tintwera f'pożizzjoni viżibbli fil-mezzi tat-trasport jew fil-kontenitur, kif ikun prattikabbli, jew fil-każ ta' trasport bil-baħar, b'entrata fil-manifest tal-bastiment; u t-tikketta jew il-manifest għandu jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa li torbot il-kunsinna maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

Artikolu 25

Kontenut ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għal prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, kif imsemmi fl-Artikolu 22

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mill-awtorità kompetenti għal movimenti ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura, għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, f'konformità mal-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE) 2016/429, għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament, minbarra l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 224 ta' dak ir-Regolament, għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-informazzjoni ġenerali speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness III;

(b) dettalji tal-għan li għalih għandhom jintużaw il-prodotti ta' oriġini mill-annimali f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Anness III;

(c) attestazzjoni ffirmata mill-veterinarju uffiċjali li tiċċertifika li l-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk akkwatiċi inkwistjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22(1).

Artikolu 26

Kontenut ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għal prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, kif imsemmi fl-Artikolu 23

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għal movimenti ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, f'konformità mal-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE) 2016/429, minbarra l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 224 ta' dak ir-Regolament, għandu jinkludi:

(a) l-informazzjoni ġenerali speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness III;

(b) dettalji tal-għan li għalih għandhom jintużaw il-prodotti ta' oriġini mill-annimali f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Anness III;

(c) attestazzjoni ffirmata mill-veterinarju uffiċjali kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Anness III li tiċċertifika l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 23.

Artikolu 27

L-obbligu ta' informazzjoni tal-operaturi dwar in-notifika ta' movimenti ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin bejn l-Istati Membri

L-operaturi, fin-notifiki tal-movimenti lejn Stati Membri oħra ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, kif previst fl-Artikolu 225(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III ta' dan ir-Regolament għal kull kunsinna ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin.

Artikolu 28

L-obbligu ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti dwar in-notifika ta' movimenti ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin bejn l-Istati Membri

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini li tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni dwar il-movimenti tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, f'konformità mal-Artikolu 225(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandha tipprovdi l-informazzjoni prevista fl-Anness III dwar kull kunsinna ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali ta' akkwakultura ħajjin.

Artikolu 29

Proċeduri ta' emerġenza

Fil-każ tan-nuqqas ta' disponnibbiltà tat-TRACES, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tal-prodotti ta' oriġini tal-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, li jridu jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor għandha tikkonforma mal-arranġamenti ta' kontinġenza stabbiliti skont l-Artikolu 46 tar-*Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715*.

PARTI IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 30

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-ispeċijiet vetturi elenkati fil-kolonna 4 tat-Tabella tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u l-kundizzjonijiet li fihom dawk l-ispeċijiet għandhom jitqiesu bħala vetturi għall-finijiet ta' moviment

Lista ta' mard	Speċijiet vetturi	Il-kundizzjonijiet relatati mal-movimenti mill-post tal-oriġini ta' annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet vetturi fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882
In-nekrożi ematopojetika epiżotika	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tan-nekrożi ematopojetika epiżootika fil-kundizzjonijiet kollha.
Is-settiċimija emorraġika virali	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tas-settiċemija emorraġika virali, meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) mis-selvaġġ, fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
In-nekrożi ematopojetika infettiva	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tan-nekrożi ematopojetika infettiva meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) mis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
L-infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun bi ħassir f'reġjun polimorfiku ħafna (HPR)	Mhija elenkata l-ebda speċi vettriċi għall-infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun bi ħassir f'reġjun polimorfiku ħafna (HPR).	
Infezzjoni bil-*Mikrocytos mackini*	Mhija elenkata l-ebda speċi vettriċi għall-*Mikrocytos mackini*.	
Infezzjoni bil-*Perkinsus marinus*	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tal-infezzjoni bil-*Perkinsus marinus* meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) mis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
Infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tal-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae* meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew

Lista ta' mard	Speċijiet vetturi	Il-kundizzjonijiet relatati mal-movimenti mill-post tal-oriġini ta' annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet vetturi fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882
		(b) mis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
Infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala l-vetturi tal-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa* meta joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) mis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
Infezzjoni bil-*Marteilia refringens*	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tal-infezzjoni bil-*Marteilia refringens* meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) mis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
L-infezzjoni bil-*virus tas-sindromuTaura*	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tal-infezzjoni bil-*virus tas-sindromu Taura* meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) mis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
L-infezzjoni bil-virus tar-ras safra	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tal-infezzjoni bil-virus tar-ras safra meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) fis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
L-infezzjoni bil-virus tas-sindromu tal-ponot bojod	Kif elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882	L-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 għandhom jitqiesu bħala vetturi tal-infezzjoni bil-virus tas-sindromu tal-ponot bojod meta dawn joriġinaw: (a) minn stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella; jew (b) mis-selvaġġ fejn setgħu kienu esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

ANNESS II

A. **Informazzjoni li trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jew fin-notifika għal annimali akkwatiċi**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jew in-notifika għall-annimali tal-akkwakultura għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
   (a) l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur u tal-kunsinnatarju;
   (b) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tal-oriġini, u
      (i) meta l-istabbiliment tal-oriġini jkun stabbiliment approvat, in-numru tal-approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment approvat; jew
      (ii) meta l-istabbiliment tal-oriġini jkun stabbiliment irreġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment irreġistrat;
   (c) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, u
      (i) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment approvat, in-numru tal-approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment approvat; jew
      (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irreġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment irreġistrat;
      (iii) meta l-post tad-destinazzjoni jkun ħabitat, il-post fejn l-annimali huma maħsuba li jinħattu;
   (d) l-isem u l-indirizz tat-trasportatur;
   (e) l-isem xjentifiku tal-ispeċi u n-numru, il-volum jew il-piż tal-annimali tal-akkwakultura, kif xieraq għall-istadju tal-ħajja tagħhom;
   (f) id-data, il-ħin u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u l-isem, il-kapaċità u l-firma tal-veterinarju uffiċjali, kif ukoll it-timbru tal-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini tal-kunsinna;
   (g) meta din tkun rilevanti, il-konferma li nkiseb il-qbil tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru riċeventi.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jew in-notifika dwar il-movimenti ta' annimali akkwatiċi selvaġġi għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
   (a) l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur u tal-kunsinnatarju;
   (b) il-post fejn l-annimali jkunu nqabdu u tgħabbew sabiex jintbagħtu;
   (c) il-post tad-destinazzjoni; u
      (i) meta l-post tad-destinazzjoni jkun ħabitat, il-post fejn l-annimali huma maħsuba li jinħattu; jew
      (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irreġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment irreġistrat;
   (d) l-isem u l-indirizz tat-trasportatur;
   (e) l-isem xjentifiku tal-ispeċi u n-numru, il-volum jew il-piż tal-annimali akkwatiċi selvaġġi, kif xieraq għall-istadju tal-ħajja tagħhom;
   (f) id-data, il-ħin u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u l-isem, il-kapaċità u l-firma tal-veterinarju uffiċjali, kif ukoll it-timbru tal-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini tal-kunsinna;
   (g) meta dan ikun rilevanti, il-konferma li nkiseb il-qbil tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru riċeventi.

3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jew in-notifika għal movimenti ta' annimali akkwatiċi għandu jkun fihom dettalji dwar l-iskop li għalih huma maħsuba l-annimali akkwatiċi u għandu jiġi speċifikat wieħed mill-finijiet li ġejjin:
   (a) iż-żamma aktar fit-tul;
   (b) ir-rilaxx fis-selvaġġ;
   (c) ir-riinstallazzjoni;
   (d) il-kwarantina;
   (e) għal skopijiet ornamentali;
   (f) il-lixki tas-sajd;
   (g) il-qerda jew it-tbiċċir jekk ikunu joriġinaw minn erja li tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll tal-mard;

(h) tbiċċir u iktar ipproċessar;

(i) il-konsum mill-bniedem.

(j) ċentri ta' purifikazzjoni

(k) ċentri tad-dispaċċ;

(l) għanijiet ta' riċerka;

(m) ieħor (irid jiġi speċifikat).

B. **Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' awtodikjarazzjoni għall-annimali tal-akkwakultura li jintbagħtu fi Stat Membru ieħor**

1. Id-dokument ta' awtodikjarazzjoni għall-annimali tal-akkwakultura inkluż l-annimali tal-akkwakultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur u tal-kunsinnatarju;

   (b) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tal-oriġini, u

      (i) meta l-istabbiliment tal-oriġini jkun stabbiliment approvat, in-numru tal-approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment approvat; jew

      (ii) meta l-istabbiliment tal-oriġini jkun stabbiliment irreġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment irreġistrat;

   (c) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, u

      (i) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment approvat, in-numru tal-approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment approvat; jew

      (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irreġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment irreġistrat;

   (d) l-isem u l-indirizz tat-trasportatur;

   (e) l-ispeċi u n-numru, il-volum jew il-piż tal-annimali tal-akkwakultura, kif xieraq għall-istadju tal-ħajja tagħhom;

   (f) id-data li fiha jkun ittieħed l-aħħar kampjun f'konformità mal-Parti III tal-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ((UE) 2020/689 u r-riżultati mill-ittestjar ta' dak il-kampjun, meta l-annimali tal-akkwakultura jkunu destinati għal stabbiliment fi Stat Membru ieħor li qed jimplimenta programm ta' sorveljanza għal ċerta marda jew mard tal-kategorija C;

   (g) id-data u l-ħin ta' meta tintbagħat il-kunsinna.

2. id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni għall-movimenti tal-annimali tal-akkwakultura inkluż l-annimali tal-akkwakultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jkollhom dettalji dwar l-iskop li għalih huma maħsuba li jintużaw l-annimali tal-akkwakultura u għandhom jispeċifikaw wieħed mill-finijiet li ġejjin:

   (a) iż-żamma aktar fit-tul;

   (b) ir-rilaxx fl-ambjent naturali;

   (c) ir-riinstallazzjoni;

   (d) il-kwarantina;

   (e) għal skopijiet ornamentali;

   (f) tbiċċir u iktar ipproċessar;

   (g) il-konsum mill-bniedem.

   (h) ċentri ta' purifikazzjoni

   (i) ċentri tad-dispaċċ;

   (j) għanijiet ta' riċerka;

   (k) ieħor (*irid jiġi speċifikat*)

ANNESS III

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jew fin-notifika għal prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jew in-notifika għal prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura minbarra annimali tal-akkwakultura ħajjin għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
   (a) l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur u tal-kunsinnatarju;
   (b) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment jew il-post tal-oriġini, u
      (i) meta l-istabbiliment tal-oriġini jkun stabbiliment approvat, in-numru tal-approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment approvat; jew
      (ii) meta l-istabbiliment tal-oriġini jkun stabbiliment irreġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment irreġistrat;
   (c) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment jew il-post tad-destinazzjoni, u
      (i) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment approvat, in-numru tal-approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment approvat; jew
      (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irreġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment irreġistrat;
   (d) l-isem xjentifiku tal-ispeċijiet tal-annimali tal-akkwakultura li minnhom joriġinaw il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, u n-numru, il-volum jew il-piż tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, kif xieraq;
   (e) id-data, il-ħin u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u l-isem, il-kapaċità u l-firma tal-veterinarju uffiċjali, kif ukoll it-timbru tal-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini tal-kunsinna.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jew in-notifika ta' movimenti ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura minbarra annimali tal-akkwakultura ħajjin għandu jkun fihom dettalji dwar l-iskop li għalih il-prodotti huma maħsuba li jintużaw u jispeċifikaw wieħed mill-finijiet li ġejjin:
   (a) il-konsum dirett mill-bniedem.
   (b) l-ipproċessar fi stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku;
   (c) ieħor (irid jiġi speċifikat).

3. L-attestazzjoni li għandu jkun hemm fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin, li għandhom jiġu mċaqalqa minn żona ristretta għandha tkun kif ġej:

"Prodotti li joriġinaw mill-annimali li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni [*xxx, inkluż l-isem u d-data ta' pubblikazzjoni tal-att legali rilevanti*] dwar miżuri ta' kontroll tal-mard kontra [*daħħal l-isem tal-marda rilevanti*] fi [*daħħal id-dettalji taż-żona ristretta tal-oriġini*]"